MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 77/1996/1

Jack Bugeja
u b'degriet tal-15 ta' Marzu, 2002,
il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Joseph Bugeja,
u Theresa Bugeja mart Jack bħala leġittima
Rappreżentanta ta' binha minuri
Anthony George bin l-istess
Joachin u Theresa nee' Vella.

vs

Peter Paul Borg

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħmistax-il lira Maltija (Lm115) dovuti mill-konvneut lill-attur rappreżentanti ħlas ta' xogħol ta' taħmil li l-attur kien għamel fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fit-28 ta' Ottubru 1996 u bl-imgħaxijiet dovuti skond il-Liġi mid-data tat-twettiq tax-xoghol sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi l-ammont pretiż mhux dovut peress illi dan jirrappreżenta xogħol li ma sarx fuq inkarigu tal-esponenti u tal-eċċipjenti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Mejju 2007 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.
Rat in-nota ta' l-Osservazzjonijiet ta' l-atturi.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur talab mingħand il-konvenut il-ħlas għal xogħol ta' appalt li jgħid li għamel fuq inkarigu tal-konvenut. Il-konvenut b'risposta għal dn it-talba aċċetta illi sar ix-xogħol imsemmi, imma jikkontendi illi dan ma sarx fuq inkarigu tiegħu.

Ġara illi f'xi żmien qabel ma saret il-kawża l-attur kien qed jagħmel xogħol ta' tħammil u livellar ta' triq ġdida li tinfed għal Triq l-Arċisqof Pietru Pace, r-Rabat. Huwa kien ġie mqabbad jagħmel dan ix-xogħol, minn tliet sidien diversi li kellhom proprjetajiet fronteġġjanti din it-triq. Hekk kif kien kważi lesta minn dan ix-xogħol, l-attur jgħid illi kien ġie avviċinat mill-konvenut sabiex ikompli sejjer biex xogħol sa quddiem il-fond tieghu li kien iżjed 'l ġewwa u dan peress illi l-ġimgħa ta' wara kellu jirċievi *container* bil-merkanzija li ma setgħax jidħol minħabba l-kundizzjoni ta' dik il-parti tat-triq. Dwar dan l-attur ġie anke korroborat minn min kien attwalment qed jagħmel ix-xogħol bil-gaffa, peress illi dan qal li l-ewwel li avviċina l-konvenut kien lilu. Li dik il-parti tat-triq fejn kienet tinsab il-proprjeta' tal-

konvenut ma kenitx f'kundizzjoni tajba, ġie konfermat ukoll minn Salvu Galea, wieħed mis-sidien li kien inkariga lill-attur biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ fit-triq in kwistjoni.

Il-konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu sostna illi, għalkemm huwa minnu illi dan ix-xogħol sar quddiem il-proprjeta' tiegħu, huwa ma kienx inkariga lill-attur biex jagħmlu. Madankollu fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti ma sostniex din il-verżjoni, u minflok ta' żewġ verżjonijiet oħra totalment konfliġġenti ma' dik li kien ippropona oriġinarjament. Għall-ewwel beda jsostni illi hu kull ma għamel kien li qal lil-attur biex ineħħilu t-terrapien li kien inġabar quddiem il-fond tiegħu peress illi kien ser jasallu *container* u ma setgħax jgħaddi b'dan it-terrapien li kien tefa' l-attur fl-esekuzzjoni ta' l-appalt li kienu tawh is-sidien  tal-proprjetajiet l-ohra fl-istess triq. F'okkażżjoni oħra mbagħad qal li hu ma kellu bżonn ebda xogħol ta' tħammil jew twittieh tal-parti ta' quddiemu tat-triq, billi dan ix-xogħol kien ġia sar b'mod sodisfaċenti minn kuntrattur ieħor xi żmien qabel.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma tistax tara kemm tassew dawn il-verżjonijiet differenti tal-konvenut jistgħu qatt ikunu verosimili. Għalhekk ma jibqa' ebda raġuni għaliex m'għandiex taċċetta il-verzjoni li ta l-attur, li fuq kollox ġiet anke kkoroborata minn terzi.

Dwar l-ammont mitlub, ma ġew ippreżentati ebda fatturi, imma tenut kont ix-xogħol involut u l-fatt illi dwaru l-konvenut ma kellu xejn xi jgħid, il-Qorti hija tal-fehma illi dan huwa wieħed raġonevoli u għalhekk ripetibbli.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' mija u ħmistax il-lira maltija (Lm115), illum pari għal mitejn sebgħa u sittin euro  u  ħamsa u disgħin ċenteżmu (Eur 267.95).

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijet fuq din is-somma mid-data tal-preżentata ta' dan l-Avviż sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------